**99. L-Onor Gavin Gulia u l-Onor. Anġlu Farrugia pproponew:-**

Illi din il-Kamra tar-Rappreżentanti:

Wara li f'Awissu 1999 ħarab mill-kustodja tal-Pulizija Hashim Yousef El Zabi, akkużat b'importazzjoni f'pajjiżna ta' 18-il kilo droga;

Meta tqis li dan il-priġunier Libjan irnexxielu jaħrab mill-kustodja tal-Pulizija waqt li kien fl-Isptar Boffa, il-Furjana, u ċioe' barra l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, minħabba li kellu bżonn jingħata xi kura medika skond kif ġie rrapportat;

Wara li sar magħruf li dan il-priġunier, baruni ieħor tad-droga, kien skortat minn uffiċjal wieħed biss tal-Korp tal-Pulizija, li skond kif ġie rrapportat dan il-Pulizija ġie mbuttat mill-istess priġunier meta tneħħewlu l-manetti immedjatament qabel issottopona ruħu għal kura medika;

Meta tqis li din il-ġrajja hija ta' interess pubbliku u fil-fatt qajmet sentiment negattiv fl-opinjoni pubblika;

Meta tqis li l-Gvern Nazzjonalista rreaġixxa b'indifferenza totali u wera ruħu insensittiv tant li l-Ministru responsabbli mill-Intern kien sostna li "ma għandniex għalfejn nallarmaw ruħna" u li qiegħed jagħmel investigazzjoni interna;

Meta tqis li f'perjodu ta' sitt snin, dejjem taħt Gvern Nazzjonalista, xi barunijiet tad-droga rnexxielhom jottjenu l-liberta' b'ċerta faċilita' fosthom il-Brażiljan Francesco de Assis Queiroz, Joseph Fenech magħruf bħala Zeppi l-Ħafi, li ngħataw maħfriet presidenzjali għal reati konnessi mat-traffikar tad-droga u issa, dan l-aħħar, El Zabi li rnexxielu jaħrab għar-raġuni biss li tħalla joħroġ mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin mgħasses minn uffiċjal waħdieni tas-sigurta';

U billi fis-27 ta' Settembru 1999 l-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati ċaħad mozzjoni ta' urġenza mressqa mill-Aġent Kap ta' l-Oppożizzjoni skond *Standing Order* 13 sabiex jiġi dibattut b'urġenza l-każ tal-ħarba ta' El Zabi;

Din il-Kamra tirrakomanda li in vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha jiġi deċiż li ssir inkjesta parlamentari biex isiru magħrufa l-fatti kollha li wasslu sabiex El Zabi jaħrab mill-kustodja tal-Pulizija, liema inkjesta parlamentari għandha jkollha dawk is-setgħat kollha ta' inkjesta mwaqqfa taħt il-Kap. 273 tal-liġijiet ta' Malta, u dan sabiex ikun hemm aċċess aħjar għal *files*, dokumenti u rapporti konnessi ma' dan il-każ u b'hekk jiġi garantit l-ogħla grad ta' trasparenza fit-tmexxija ta' din l-inkjesta;

*Di più* l-Kamra taqbel ukoll li din l-inkjesta parlamentari tkun immexxija minn deputati miż-żewġ naħat tal-Kamra b'dan illi l-membri min-naħa ta' l-Oppożizzjoni jkunu f'maġġoranza fuq din l-inkjesta u l-membri magħżula biex jagħmlu din l-inkjesta jkollhom id-dritt li jsejħu xhieda, jagħtu l-ġurament u jaħtru esperti biex jgħinuhom jaslu għall-verita' tal-fatti.

14.10.1999